MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Numru. 745/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Victor Aquilina**

**VS**

**Brian Godfrey Bartolo, iben John u Carmen nee’ Cilia, imwieled Tal Pieta’ nhar it-30 ta’ Awwissu, 1972, residenti fil-fond numru 3, Sallet, Flat 1, Triq l-Ankri, San Pawl il-Bahar ,jew Flat 5, Sunflower, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita’ numru 372972M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Brian Godfrey Bartolo** li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar il-21 ta’ Gunju, 2011 u z-zmien ta’ qabel:

1. Forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lil persuna jew persuni ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kein fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u ma kinx b’xi mod iehor bil-licenzja

mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmfanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, nhar il-21 ta’ Gunju, 2011, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqisx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, u cioe’ kontra PS 1086 J Micallef, PS 1044 G Calleja, PC

279 K Gauci, u PC 1348 J Campbell, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi, u dan ai termini tal-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PS 1086 J Micallef, PS 1044 G Calleja, PC 279 K Gauci, PC 1348 J Campbell, waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom, jew ma hallix jew fixkel waqt il-qadi ta' dmirijiethom, u dan ai termini tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-21 ta' Ottubru, 2011 u fiz-zmien ta' qabel, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu biljetti tal-flus ta' valuta Ewro, meta kien jaf illi l-istess huma falsifikati u dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta (folio 6);

Rat ukoll il-Kontro Ordni ai termini tal-Kapitolu msemmi.

Rat ukoll illi mal-istess Kontro Ordni ntbaghtu wkoll l-Artikoli li jaqraw:

a. L-Artikoli 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. L-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. L-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. L-Artikolu 50(3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. L-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. L-Artikoli 17, 23, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Semghet il-provi kollha kif ukoll it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-**Ispettur Victor Aquilina**, cioe' l-Ufficjal Prosekutur, xehed dwar tfittxija li l-pulizija ghamlu fuq l-imputat. Fuqu l-imputat kellu backpack, pero meta l-pulizija bdew it-tfittxija fuq l-imputat, dan ipprova jahrab kif ukoll irrezista l-arrest. Kellha tintuza forza biex jigi kkontrollat. Fil-basket instabet sustanza bajda fl-ammont ta' hamsa u sittin (65) gramma, u nstab ukoll ammont ta' muniti f'Ewro kif ukoll Sterlina. It-tfittxija saret fil-vettura u anke fir-residenza Flat 5, Sun Flower, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar. Hawn fit-tftittxija nstabu xi ammont ta' boroz tal-plastic bil-kantunieri maqtugha, mizien elettroniku, xi SIM cards, kif ukoll sachet bajda b'sustanza bajda b'ammont zghir go fiha, kif ukoll ammont ta' flus f'Ewro u tliet (3) cekkijiet.
Ghazel skont l-Ispettur, illi ma jihux parir legali. Tah is-solita twissija, u wara vista l-isptar, l-ghada beda jkellmu. Irrilaxxa stqarrija ezebita bhala Dok VA.
Prezenta wkoll l-Ufficjal Prosekutur id-dikjarazzjoni tar-rifjut ta' parir legali bhala Dok VA; ricevuta li nharget minn PS 1044 ghall-mobile li ttiehed minghand l-imputat u hdax(11)-il SIM card; pakkett A li fih hames mitt Ewro (€500); pakkett B li fih tliet elef u ghaxar Ewro (€3,010); tliet (3) cekkijiet ta' mitt Ewro (€100); pakkett C ta' sebgha u tmenin Sterlina u

sebghin centezmu (£87.70); pakkett D ta' hamsa u hamsin Ewro u disgha u sittin centezmu (€55.69); l-ircevuta giet ezebita bhala Dok VA2.
Prezenta bhala Dok VA3 il-bagpack li fih instabet is-sustanza; ul-flus f'muniti, Ewro kif ukoll Sterlina bhala Dok VA4; pakkett bl-ammont ta' hames mitt Ewro (€500) bhala Dok VA5; pakketti bl-ammont ta' tliet elef u ghaxar EWro (€3,010) u tliet (3) cekkijiet mahruga minghand JB4 Ltd; Dok VA6 huwa pakkett C kontenenti sebgha u tmenin Lira Sterlina u sebghin centezmu (£87.70); u Dok VA7 huwa pakkett D kontenenti hamsa u hamsin Ewro u disgha u sittin centezmu (€55.69).
L-Ispettur Victor Aquilina prezenta wkoll sentenza fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Godfrey Bartolo*" datata 14 ta' Novembru, 2002, bhala Dok VA2.
Ikkonferma in kontro ezami li ma kinx prezenti ghat-tfittxijiet.

L-**Ispettur Jesmond Borg** ikkonferma l-kontenut tal-istqarrija rilaxxata mill-istess imputat wara li dan inghata d-debita twissija.

**PS 1086 Johann Micallef** xehed illi kienu waqqfu, fis-26 ta' Gunju, 2011 – hu flimkien ma' membri ohra tad-Drug Squad, lill-imputat go vettura mikrija lil Brian Godfrey Bartolo. Spjega li fil-haversack kellu pouch iswed li kien kontenenti xi trab abjad. Zied illi wara tfittxija li saret fir-residenza tieghu, l-imputat prova anke jigbidhielu u jahrab bil-basket. Qal ix-xhud illi kien hawn li dan gie mmanettjat u giet affettwata tfittxija fir-residenza tieghu. Jghid illi hemm instab mizien digitali, kantunieri bi trab abjad, xi ammonti ta' flus u xi boroz bil-kantunieri maqtughin. Ikkonferma l-ezebiti migbura mir-residenza tal-imputat.

In kontro ezami dan ix-xhud ikkonferma li l-basket li ddepona fuqu kien fil-fatt gol-vettura, li l-ewwel kien fuq l-imputat u mbaghad poggieh gol-vettura. Ikkonferma li kien hawn li ra erba' (4) karti tal-hamsinijiet. Ma kinx jaf jghid dawn minn fejn gew elevati.

**PC 249 Kevin Gauci** xehed illi raw lill-impputat diehel go vettura KIA Pride bin-numru tar-registrazzjoni EAK763. Qal illi dan kellu basket ma' dahru u PS 1086 ghamel tfittxija go fih fejn instabet bowl kannella u go fiha borza tal-plastic bi trab abjad, kif ukoll mobile Nokia. Qal illi hawn Brian anke pprova jahrab, u li anke ghal diversi hinijiet ghamel xi rezistenza, tant illi kellha tintuza forza biex jigi mmanettjat. Mir-residenza Sun Flower, Flat 5, Triq it-Turisti, Qawra, izid illi ghamlu tfittxija fir-residenza fejn kien jabita l-imputat, u qal illi minn hemm gew elevati oggetti relatati mad-droga, u ammont ta' flus f'Ewro. Zied illi nstabet ukoll xifoil mahruqa, u hamsa u erbghin Ewro (€54) suspettati, kif ukoll bott tal-Gatorade li jintuza bhala pipa. Dawn l-oggetti gew mghoddija skondtu lill-Ispettur Victor Aquilina. Ikkonferma li l-imputat anke gie eskortat Mater Dei ghax kien qieghed jilmenta b'ugiegh f'subajgh.
Qal in kontro ezami, illi kien hemm skontru bejn l-imputat u l-pulizija li dam xi hames minuti. Qal illi dam jirrezisti hafna, li kellu tliet (3) pulizija fuqu, anzi qal illi fl-ahhar spiccaw bhala erbgha (4). Qal illi dan, kif indunaw bil-kontenut tal-basket, ipprova jahtaf il-basket u jahrab. Ikkonferma li l-imputat prova jahrab.
Dwar il-flus foloz, qal illi hu dawn rahom zgur fil-kamra tas-sodda, pero ma kinx jaf ezattament fejn.

**PC 1348 Joseph Campbell** ikkonferma li hu flimkien ma' PS 1086, PS 1044, PC 279, u WPC 297, kien ukoll qed josserva

lil Brian Godfrey Bartolo. Rah hiereg mir-residenza tieghu. Xehed illi waqqfuh milli jitla’ fil-vettura. Xehed illi saritlu tfittxija fil-basket li kellu fuqu. Instab pouch li kien fih trab suspettat droga. Qal illi dan Brian anke pprova jahrab, tant illi anke hataf il-basket u ta salt biex jitlaq. Qal illi wara din it-tfittxija, saret tfittxija fid-dar. Minn hawn skondtu gie elevat minn PS 1086 karti tal-hamsin Ewro (€50) suspettati foloz, xi pilloli, mizien elettroniku, mgharfa, sikkina mahruqa – dan kollu mir-residenza tal-Qawra/Bugibba.
Ikkonferma li l-imputat anke qallhom li l-kontenut ma kinx droga.
In kontro ezami l-Kuntistabbli Campbell ikkonferma li l-flus foloz instabu fil-kamra tas-sodda fil-kexxun. Qal illi kienu fi stat mghaffeg.

**PS 1044 Gordon Calleja** xehed illi huwa wkoll kien involut f’din it-tfittxija fir-residenza tal-imputat. Wara li rah hiereg minn hemm anke saritlu tfittxija fil-vettura tieghu. Ikkonferma li anke pprova jahrab mill-pulizija, pero huma zammewh. Ikkonferma wkoll illi fil-basket, f’pouch gol-istess, kien hemm sustanza, blokok bojod. Ikkonferma wkoll l-ezebiti elevati mir-residenza tal-imputat. Ikkonferma l-ircevuta li nharget lill-imputat, Dok VA2.
Qal ukoll in kontro ezami, illi hataf il-basket misjub fil-vettura. Qal illi vera spicca li fl-ahhar ta l-basket lill-pulizija. Qabel ukoll illi pprova jahrab, pero kellu jieqaf ghax gie mwaqqaf. Hawn gie mmanettjat.

**PS 122 Arthur Debattista** prezenta r-relazzjoni tieghu bhala Dok AB fuq inkarigu lilu moghti mill-Magistrat Inkwirenti – dan mahtur fl-Ingenere bhala fotografu (Dok AB, folio 111).

L-istess **PS 1261 Charles Pace**, li ezebixxa r-relazzjoni tieghu bhala Dok CP, ukoll mahtur fl-Inkwirenti bhala SOCO, a folio 184. Jghid illi eleva pouch kannella kontenenti oggetti konnessi mad-droga; bott ta' lewn ahmar bil-kitba 'bicarbonate of soda'; boroz trasparenti kontenenti gebel ta' lewn abjad suspettati droga; Easyline Card u kartuna b'xi kitba fuqha; sikkina bil-manku ta' lewn iswed li kellha blade mahruqa; kaxxa tal-landa ta' lewn roza kontenenti erba' (4) pilloli; flixkun zghir ta' lewn ahmar kontenenti likwidu trasparenti; bott tal-plastic bil-kliem JG fuqu li kien kontenenti pilloli u sachet ta' lewn abjad; erba' (4) karti tal-flus ta' valur ta' hamsin Ewro (€50) suspettati foloz; flixkun tal-Gatorade b'xi foil go fih; ghoxrin (20) borza bil-kantunieri maqtughin; u candle floss.
Zied ukoll illi aktar tard, ikkonferma li ghadda xi ezebiti lil Godwin Sammut ghad-debita analizi, kif ukoll lil Robert Mifsud ghall-istess skop.

Minn naha tieghu, **Godwin Sammut** ikkonkluda li:
"

a. *Illi fl-estratt mehud mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 252_11_01 instabet is-sustanza* ***Lidocaine****. Ghalkemm din is-sustanza mhix ikkontrollata bil-Ligijiet ta' Malta, il-lidocaine tintuza bhala 'adulterant' jew 'diluent' fil-Kokaina. Il-piz tat-trab kien ta'* ***50.58 grammi****.*

b. *Illi fl-estratti mehuda mit-tracci ta' sustanza bajda li hemm fil-pouch ta' lewn kannella li hemm fid-dokumenti 252_11_02 instabet is-sustanza* ***Lidocaine****. Ghalkemm din is-sustanza mhix ikkontrollata bil-Ligijiet ta' Malta, il-lidocaine tintuza bhala 'adulterant' jew 'diluent' fil-Kokaina.*

c. *Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 252_11_03 instabet is-sustanza **<u>Kokaina</u>**. Il-piz tat-trab kien ta'* ***<u>0.95 grammi</u>*** *u l-purita' tat-trab kien ta' circa* ***<u>38%</u>***. *Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

d. *Illi fuq swabs mehuda mill-flixkun u mill-plastic li hemm fid-dokument 252_11_04 fuq swab mehuda mis-sikkina li hemm fid-dokument 252_11_05 u fuq swab mehuda mill-mizien li hemm fid-dokument 252_11_09 instabet is-sustanza* ***<u>Kokaina</u>***. *Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

**<u>Robert Mifsud, rapprezentant tal-Bank Centrali</u>**, xehed dwar l-erba' (4) karti tal-hamsin Ewro (€50)-il wahda li dawn ma kellhom ebda fatturi ta' sigurta'. Ikkonkluda hekk fir-relazzjoni tieghu, Dok RM:

*"8. Illi wara li l-esponent ghamel l-analizi tieghu, l-esponent jixtieq jissottometti lil din l-Onorabbli Qorti li:*

*a. L-esponent gie nominat bhala espert tal-Qorti nhar il-21 ta' Gunju, 2011;*

*b. Illi l-esponent ircieva l-ezebiti mmarkata bhala Dok 11BRS310, kontenenti 4 karti tal-flus f'valuta Ewro ta' denominazzjoni ta' hamsin (50) Ewro rispettivament, fl-4 ta' Lulju, 2011;*

*9. Mill-analizi li ghamel l-esponent jirrizulta li:*

a. *Id-dokumenti kollha li huma mmarkati bhala Dok 11BRS310 u cioe' 4 karti tal-flus f'valuta Ewro ta' denominazzjoni ta' 50 Ewro, ma ghandhomx il-fatturi tas-sigurta' li jinsabu fuq il-karti genwini tal-flus f'valuta Ewro. Id-dokumenti kollha msemmija mhumix stampati fuq karta tal-flus genwina, ghandhom forma ta' stampar li jixbah, imma mhux ugwali ghal dak ta' fuq il-karta tal-flus genwina, waqt li l-fatturi l-ohra tas-sigurta' bhax-xbiha li tidher kontra d-dawl, fil tas-sigurta', roqgha olografika, u l-linka li tibdel il-kulur mhumix bhal dawk li jinstabu fuq il-karti tal-flus originali;*

   *Ghaldaqstant, l-esponent jiddikkjara li tali dokumenti huma kollha foloz;*"

**Dr Martin Bajada** ezebixxa wkoll ir-relazzjoni tieghu bhala Dok MB. Qal illi hu ezamina hdax(11)-il SIM card migbura minghand l-imputat. Kellu parti kbira minnhom esteri minn pajjizi bhal Egittu, Thailand, Tanzania, Africa, u Nairobi.

Ezaminat ukoll l-istqarrija tal-imputat, Dok VA folio 17.

Qal dwar il-flus muniti u Sterlina misjuba ghandu meta gie mwaqqaf mill-pulizija, illi dawn kienu kollha tips li hu kien jircievi mix-xoghol, u li kien sejjer il-bank bihom. Dwar is-sustanza l-bajda, spjega li kien tahielu persuna bid-dejn. Qal illi tah b'kollox tmenin (80) gramma - tletin (30) minnhom biex ikopri dejn antik, u l-hamsin (50) gramma l-ohra bil-prezz ta' erbghin (40) Ewro. Qal illi dawn kienu ghadhom dejn. Qal illi l-flus li nstabu d-dar kienu tieghu personali mill-bejgh ta' speed boat u Audi. Qal illi kien pogga xi rikavat il-bank, pero li kien gab parti minnhom biex ihallas il-kirja ta'

karozza li kienet ghandu ghal aktar minn xahar, ammontanti skondtu dan id-dejn ghal aktar minn sitt mitt Ewro (€600), hlas ta' kirja ta' flat ammontanti ghal tminn mija u ghaxar Ewro (€810), u kien bi hsiebu jixtri karozza second hand.
Qal dwar il-boroz u l-mizien illi dawn kienu ghandu biex jaghti xi samples tad-droga lil min jitolbu, u anke biex ikun jista' jbiegh id-droga, sabiex ikopri l-ispejjez tad-droga; qal illi kien ibiegh ftit peress li kellu vizzju qawwi ta' hekk. Dwar il-mizien qal illi dan kien juzah biex jiehu d-droga hu. Qal illi lilu kienu qalulu li dik mhix droga u ghalhekk qatt ma biegh xejn. Dwar l-erba' (4) karti foloz tal-hamsin Ewro (€50), dawn skondtu kien tahomlu persuna ta' xoghol tal-elettriku li kien ghamillu. Qal illi kien ser jarmihom. Kienu ilhom ghandu madwar hmistax(15)-il gurnata skondtu.
Dwar is-sustanza li nstabet ghandu fil-haver sack meta waqqfuh il-pulizija, wiegeb illi din kien ser jahbieha x'imkien barra stante li ma kellha uzu ta' xejn. Ammetta li pprova jbiegh dik is-sustanza li kienet cutting agent.
Ammetta li kien jabbuza kuljum mill-kokaina ghal madwar kwazi sena, aqta' perjodu fejn jghid li kien waqaf.
Innega li l-flus foloz kien ipprintjahom hu.
Ammetta li waqt l-arrest prova jahrab, u li anke rrezista l-arrest. Qal illi dan kien ghamlu ghax dak il-hin beza'. Skuza ruhu. Qal ukoll illi kien jiddispjacih, xtaq jattendi programm tal-Caritas biex isolvi l-problema tad-droga.

Dwar id-dghajsa mibjugha mill-imputat, xehed anke certu **Matthew Azzopardi**. Qal illi f'Jannar kien xtara dghajsa, speed boat minghandu, Chaudron ta' hamsa u ghoxrin (25) pied. Qal illi hallsu taghha wiehed u ghoxrin elf u tlitt mitt Ewro (€21,300) – sittax-il elf Ewro (€16,000) b'cekk, u hamest elef u tlitt mitt Ewro (€5,300) fi flus kontanti. Qal illi kien hallsu f'Jannar, li f'gimgha kienu rrangaw kollox.

Id-Difiza tellghet anke lil **Jean Cali**, din in rapprezentanza tal-Caritas. Qalet illi kienu jaraw lil-imputat fis-snin 2002, 2003, 2004 u 2005 gewwa l-Habs. Qata' l-kuntatt minn mal-Agenzija b'dan illi fis-sena 2014 rega' beda jmur regolarment ghandhom. Xehdet illi fix-xahar ta' April kienu anke ttiehdulu tliet (3) urine tests li rrizultaw clean, kien ghamel tlitt (3) xhur clean u sober. Xehdet illi anke kellu xoghol regolari. Qalet illi l-imputat kellu zewg full time jobs bhala self-employed.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuza addebitati lil Brian Godfrey Bartolo huma taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, talli forna u pprokura, kellu pussess aggravat u semplici tad-droga kokaina.

Bla dubbju ta' xejn, mir-rizultanzi ta' Godwin Sammut huwa fatt li nstabet ghandu tali droga kif ukoll ammont sostanzali ta' cutting agent tal-istess.

L-istess Brian Godfrey Bartolo ammetta kemm ghall-pussess semplici u certament ghall-pusess aggravat meta fl-istqarrija tieghu qal illi hu gieli kien ibiegh id-droga - jghid ftit fl-istqarrija, biex isostni l-habit kbir tieghu ta' abbuz tal-kokaina.

Certament ukoll, inqabad igorr mieghu ammont kbir ta' cutting agent li hu qal illi kien sejjer biex jehles minnu ghax ma kellux skop ghalih ghax fil-fatt kien cutting agent. Kellu anke fil-pussess tieghu numru ta' boroz li hu ammetta li kien juza biex bihom jew jaghti samples ta' droga, jew ibiegh dawn – dejjem biex isostni l-habit tieghu.

Tibqa’ pero perplessa l-Qorti, ghala kellu fuqu u zamm ghandu dak il-cutting agent kollu. Dan fil-fatt huwa aktar in linea ma’ traffikar milli ma’ pussess aggravat per se. Ghalkemm l-imputat inqabad b’dak li nqabad u qal dak li qal, pero l-akkuzi huma datati 21 ta’ Gunju, 2011 u zmien ta’ qabel. Pero din il-Qorti ma tistax tiddetermina liema hu z-zmien ta’ qabel meta seta’ forna jew ipprokura d-droga.

Ghaldaqstant, certament qieghda tilliberah mill-akkuzi talli forna jew ipprokura d-droga kokaina.

Ikkonsidrat ulterjurment:

Il-pussess esklussiv huwa bhal kollox kwistjoni ta’ prova. Il-Gurisprudenza nostrana tghallimna li tali provi, mankanti l-ammissjoni skjetta tal-imputat, jistghu jkunu cirkostanzjali. Issa l-imputat kif gia’ inghad, ammetta li hu biegh droga biex isostni l-vizzju tieghu, qal illi jaghti lil min jitolbu.

Issa verament l-ammont li nstab ghand l-imputat kien biss ta’ 0.95 grammi, u l-purita’ tat-trab ta’ 38% - dan pero ma’ mizien u boroz u ammont mhux negligibbli ta’ cutting agent. Vera wkoll illi din il-Qorti, in ezami tal-fatti, thares anki lejn il-valur meta tkun qed tezamina pussess aggravat – pero hawn l-istampa fit-total taghha hija fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, indikattiva ta’ hekk.
Ghalhekk, kontrarjament ghal dak sottomess mill-partijiet, tqisu hati ta’ hekk.

Il-pussess semplici tal-kokaina, certament jirrizulta bhala mezz ghall-fini.

L-imputat giet anke akkuzat taht l-Artikolu 96(9) u 338(cc) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jaqra:
“*jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta’ priġunerija minn sitt xhur sa sentejn u għal multa ta’ mhux inqas minn erbat elef euro (4,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (10,000);*”

Certament, ghalkemm irrizulta mill-provi tal-pulizija li kif appena waqqfu lill-imputat hu u diehel fil-vettura tieghu, prova jahrab u anke jigbed il-bakset, dan fl-opinjoni ta’ din il-Qorti certament ma jirrizultax. Ir-reazzjoni tal-imputat x’hin ra lill-pulizija, u cioe’ l-“*first instinct*” li jipprova ma jinqabadx, ma tinkwadrax la fl-assalt, rezistenza bi vjolenza, jew forza attiva – konsegwentement ghandu jigi liberat anke minn din l-akkuza.

Lanqas m’ghandha tirrizulta l-kontravenzjoni kkontemplata fl-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghax frankament kif l-imputat fil-fatt gie mwaqqaf, dejjem hdejn il-vettura tieghu, issa beda jikkopera, kemm kienet tippermetti s-sitwazzjoni mal-pulizija, ghalhekk certament mhux bi pjacir tieghu.

L-akkuzi l-ohrajn ikkontemplati huma dawk misjuba taht l-Artikolu 46 u 50(3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta certament iqieghed l-onu tal-prova dwar l-iskuza legittima u ragonevoli ghall-pussess xjenti ta’ flus falsifikati. Bla dubbju, il-prova li jrid igib l-imputat dwar dan il-pussess legittimu u ragonevoli hija sal-grad tal-probabbli.

L-imputat fl-istqarrija qal illi dawn il-flejjes foloz gew ghandu ghax gie mhallas bihom ta’ xoghol tal-elettriku. Qal illi meta nduna bihom, wara li qal lil din it-terza persuna, dan kien fil-fatt hallsu, pero qallu biex izommhom. Qal illi kienu ilhom ghandu madwar hmistax(15)-il gurnata, u li kien ser jarmiehom.

Fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, is-sejba ta’ flus foloz fl-ambjent u cirkostanzi tal-imputat ma jreggu xejn mal-istorja li ta dwar il-provenjenza taghhom. Del resto, dak illi trid tarmi, ghax skop m’ghandikx ghalih, m’hemmx ghalfejn iddewmu ghandek hmistax(15)-il gurnata.

Ghaldaqstant, tqis illi huwa hati anke ta’ dan ir-reat.

Giet ezebita wkoll is-sentenza fil-konfront tar-recidiva a folio 174 bhala Dok VA1 u rat f’dan ir-rigward l-esenzjoni tad-Difiza. Is-sentenza hija datata 14 ta’ Novembru, 2002. Ghaldaqstant antecedenti ghar-reat in dezamina.

Ghaldaqstant din il-Qorti, qieghda ssib htija wara li rat GN 292/1939; LS 101.02 Reg 9; L-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; ir-Raba’ u s-Sitt Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-Artikolu 22(2) u 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; u kif ukoll l-Artikoli 46 u 50 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll dak illi qalet Jean Cali dwar l-imputat – li dan l-ahhar huwa rega’ beda jzomm kuntatt mal-Agenzija Caritas, anke li halla tliet (3) urine tests li taw rizultat clean, illi kien ghamel zmien sober u li kien izomm xoghol regolari, anke kien self-employed.

**<u>CO 162 Johann Degabriele</u>** xehed illi matul iz-zmien illi kien il-Habs, sarulu testijiet ghall-kokaina u mmarkataw fin-negattiv, ghalkemm fil-bidu kien pozittiv ghall-istess droga – dan f'April tas-sena 2014. Qal illi dan kien jara anke t-tobba u psikjatra regolari. Ezebixxa Dok D.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta' sena u nofs (1 ½) u ghal multa ta' elfejn Ewro (€2,000), u dan wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lil Brian Godfrey Bartolo ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal elf tliet mija u sitta u hamsin Ewro u erba' centezmi (€1,356.04).

Tordna d-distruzzjoni tad-droga KB 766.2013;
Kif ukoll il-konfiska tal-flejjes hawn indikati:
KB 196.2011 (€500; €3,010; 3 x €100 BOV cheques; £87.70; €55.69);

Tordna wkoll id-distruzzjoni ta' dawn l-ezeibti:
- KA 144.2011 (backpack);
- KA152.2011 (hdax(11)-il SIM card);
- KA 246.2011 (Easy line card + kartuna b'xi kitba fuqha; dentall floss; battery AAA; gomma; kontenitur ta' lewn blue; graphite pencils; butterfly nut).

Tordna wkoll illi l-flus foloz li xehed fuqhom Robert Mifsud jigu distrutti, u tordna ghalhekk komunika lill-Bank Centrali ta' Malta ghal dan l-iskop.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------